**ITS** INSTITUTE OF TOURISM STUDIES
IN ACADEMIC AFFILIATION WITH THE EMIRATES ACADEMY OF HOSPITALITY MANAGEMENT



# Impjiegi ta' Kwalità Ogħla fl-Industrija tat-Turiżmu u l-Ospitalità

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦAT TURIŻMU
MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA
ITS TRAINING SCHOOL
identità
Malta Tourism Authority

# Impjiegi ta' Kwalità Ogħla fl-Industrija tat-Turiżmu u l-Ospitalità

DOKUMENT TA' KONSULTAZZJONI

OTTUBRU 2023

# Kontenut


1 Introduzzjoni .......... 2

2 Is-Sitwazzjoni Kurrenti .......... 3

3 Impjiegi ta' Kwalità Ogħla fl-Industrija tat-Turiżmu u l-Ospitalità .......... 5

4 Il-Proċess ta' Assessjar .......... 8

5 Implimentazzjoni .......... 10

6 Perjodu ta' Konsultazzjoni .......... 12

# 1

# Introduzzjoni

L-evidenza internazzjonali u lokali fl-industrija tal-ospitalità u t-turiżmu turi l-ħtieġa għall-provvista ta' servizz ta' kwalità mogħtija minn impjegati bil-ħiliet bażiċi meħtieġa. Dan il-bżonn għalhekk iqajjem il-ħtieġa tar-rikonoxximent u validazzjoni tal-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet tal-impjegati. Din hija d-direzzjoni strateġika f'*Malta Tourism Strategy 2021-2030: Recover, Rethink, Revitalise* – Strategy No. 19 (MfT, 2021).

Il-Ministeru għat-Turiżmu, permezz tal-Istitut għall-Istudji Turistiċi u l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, ser jintroduċi **proċedura li permezz ta' taħriġ u assessjar mandatorji maqsuma f'żewġ stadji hija maħsuba li tħares il-kwalità fl-aċċess tal-impjegati fl-industrija tal-ospitalità u t-tutiżmu.** Din il-proċedura hija applikabbli għall-applikanti li qed ifittxu permessi tax-xogħol biex ikunu impjegati fl-industrija tal-ospitalità u t-turiżmu f'Malta. Eventwalment dan se jiġi estiż biex ikopri wkoll iċ-ċittadini tal-UE u ċ-ċittadini Maltin.

> **Din il proċedura tfittex il-kwalità, u mhux il-kwantità ta' applikanti li qed ifittxu impjieg fi ħdan l-industrija tal-ospitalità u t-turiżmu.**

Eventwalment, dan se jiġi estiż biex gradwalment ikopri ċittadini tal-UE u ċittadini Maltin.



2

# Is-Sitwazzjoni Kurrenti

Identita' hija l-aġenzija nazzjonali li tamministra l-proċess għall-applikanti li qed ifittxu impjieg f'Malta, inkluż fl-industrija tal-ospitalità u t-turiżmu. Dan il-proċess jinkludi s-sottomissjoni ta' applikazzjoni għal VIŻA u/jew dokumenti relatati max-xogħol u r-residenza. Sussegwentement jintalbu verifiki u awtorizzazzjonijiet mill-Korp tal-Pulizija ta' Malta u mingħand Jobsplus rispettivament.



3

# Impjiegi ta' Kwalità Ogħla fl-Industrija tat-Turiżmu u l-Ospitalità

Din il-proċedura ġdida li ser tħares l-aċċess għal impjegati ta' kwalità fl-industrija tal-ospitalità u t-turiżmu se tkun immexxija mill-Istitut għall-Istudji Turistiċi permezz tal-ITS Training School u se tifforma parti mill-proċess kif amministrat mill-Identità.

Il-proċedura tindirizza realtajiet varji fis-settur li jeħtieġu jiġu indirizzati inkluż in-nuqqas ta' ħiliet u r-reklutaġġ ta' impjegati mhux imħarrġa. Apparti l-ingaġġ ta' impjegati ta' kwalita', qed jiġi rikonoxxut ukoll li "il-post tax-xogħol qed isir dejjem aktar importanti fl-iżvilupp u t-trasferiment ta' ħiliet meħtieġa mill-industrija" (Malta Chamber, *The Rediscover: A reviewed vision for Malta's tourism industry*, paġna 72).

Oqsma oħra ta' tħassib li qed jiġu indirizzati jinkludu l-forza tax-xogħol u n-nuqqas ta' awtentiċita' fil-provvista tas-servizz li huma fost il-fatturi limitanti ewlenin fis-settur (MHRA, *A Carrying Capacity Study of Tourism in the Maltese Islands*, 2022).

L-għan aħħari wara din il-proċedura ġdida hija li jiġi żgurat prodott turistiku aħjar billi jiġu attirati impjegati ta' kwalità.

Il-punti ewlenin ta' din il-proċedura jinkludu:



i **L-introduzzjoni ta' benchmark ġdid li jiffaċilita l-aċċess għal impjegati bil-ħiliet meħtieġa fl-industrija tal-ospitalità u t-turiżmu.** Dan qed jiġi rakkomandat bl-introduzzjoni ta' taħriġ u assessjar mandatorji li applikant irid isegwi u jikseb PASS fl-assessjar obbligatorju kollu. Dan se jkun meħtieġ għall-applikant u rekwiżit fil-proċess u l-proċeduri mmexxija mill-Identità.

L-għan aħħari huwa li jiġi żgurat livell ta' kwalità fl-industrija tal-ospitalità u t-turiżmu kif ukoll li jiġi introdott aċċess ta' kwalità permezz ta' assessjar rigoruż fl-għarfien bażiku, il-ħiliet u l-attitudnijiet meħtieġa fl-industrija tal-ospitalità u t-turiżmu.

**ii** **L-Istitut għall-Istudji Turistiċi, permezz tal-ITS Training School, ser joffri u jamministra t-taħriġ u l-assessjar obbligatorji li ser ikunu parti integrali minn approċċ sistemiku lejn impjegati tas-sengħa mhux-Maltin u Maltin fl-industrija tal-ospitalità u t-turiżmu f'Malta.**

**iii** It-taħriġ se jkun aċċessibbli u pprovdut online, se jkun hemm assessjar online relatat kemm mal-korsijiet online u kif ukoll mat-tip ta' xogħol li l-applikant ser japplika għalih, kif ukoll assessjar ieħor li jsir mill-applikant personalment fil-faċilitajiet tal-Istitut għall-Istudji Turistiċi. **L-introduzzjoni tat-taħriġ u l-assessjar għandhom iħarsu l-aċċess għal impjegati ta' kwalità fl-industrija tal-ospitalità u t-turiżmu, u b'hekk ikunu attirati Ċittadini minn Pajjiżi Terzi ta' ħila, ċittadini tal-UE u Maltin f'din l-industrija. Din il-proċedura tattira l-kwalità u mhux il-kwantità.**



# 4

# Il-Proċess ta' Assessjar

**Il-proċedura ġdida li ser tħares l-aċċess għal impjegati ta' kwalità fl-industrija tal-ospitalità u t-turiżmu tinkorpora korsijiet ta' taħriġ u assessjar li huma obbligatorji u maqsumin f'żewġ stadji:**

## L-Ewwel Stadju

ISIR ONLAJN MINN TCNs

**Taħriġ u Assessjar Online fil-Pajjiż ta' Oriġini:**

- Test onlajn fil-Profiċjenza tal-Ingliż
- Kors bażiku u assessjar onlajn dwar Il-Kura tal-Klijent
- Kors bażiku u assessjar onlajn dwar il-Prodott Turistiku Malti
- Kors bażiku u assessjar onlajn fl-Ingliż għall-Ospitalità
- Assessjar onlajn fil-Ħiliet (Għarfien) mibni fuq l-Istandards Nazzjonali tax-Xogħol skont l-għażla tax-xogħol mill-applikant. Ix-xogħlijiet huma miġburin skont il-kategoriji indikati skont il-lista tal-Malta Further and Higher Education Authority (MFHEA):

Bar | Front Office | Ristoranti | Kċina | Iż-żamma tad-dar | Is-servizzi ta' Ikel u Xorb



# It-Tieni Stadju

**JEKK L-EWWEL STADJU JITLESTA B'SUĊĊESS U TINĦAREĠ ITTRA TA' APPROVAZZJONI FIL-PRINĊIPJU MINN IDENTITÀ, ISIRU INTERVISTI WIĊĊ IMB' WIĊĊ U ASSESSJAR PRATTIKI TAL-ĦILIET LI JSIRU FL-ISTITUT GĦALL-ISTUDJI TURISTIĊI LADARBA L-APPLIKANT IKUN MALTA, QABEL MA JINĦAREĠ IL-PERMESS TAX-XOGĦOL PROPRJU.**

- Intervista wiċċ imb' wiċċ fil-lingwa Ingliża
- Assessjar tal-Ħiliet wiċċ imb' wiċċ (Prattika) fit-tip ta' xogħol identifikat mill-applikant kif elenkat fil-lista tal-Istandards Nazzjonali tax-Xogħol kif iffinalizzati mill-MFHEA taħt is-settur 'Ospitalità u Turiżmu'

## L-assessjar ikopri:

- **għarfien** fl-ewwel stadju tal-assessjar onlajn,
- **għarfien, ħiliet** u **attitudnijiet** fit-tieni stadju ta' assessjar li jsir direttament mal-applikant f'Malta.

**Biex applikant jipproċedi mill-ewwel stadju għat-tieni stadju tal-proċess ta' taħriġ u assessjar, irid jikseb marka PASS fl-assessjar kollu. Biex l-applikant jipproċedi mit-tieni stadju tal-proċess ta' assessar għal applikazzjoni għal permess tax-xogħol, irid jikseb marka PASS fl-assessjar kollu li jsir fit-tieni stadju wkoll.**

Iż-żewġ stadji tal-proċess ta' assessjar huma integrati fi ħdan il-proċess attwali adottat minn Identità u l-permessi tax-xogħol.



5

# Implimentazzjoni

Qed jiġi rakkomandat li l-proċedura l-ġdida ta' taħriġ u assessjar tiġi implimentata f'fażijiet biex gradwalment tkopri l-impjegati kollha fi ħdan l-industrija tal-ospitalità u t-turiżmu. Il-proposta tkopri applikanti mhux tal-UE, inklużi applikanti eżentati mill-VISA u eventwalment impjegati Maltin u tal-UE, kif muri hawn taħt:

| Fażi | Data tal-Implimentazzjoni | Applikant |
|---|---|---|
| 1 | Jannar 2024 | Iċ-Ċittadini minn Pajjiżi Terzi ġodda kollha li japplikaw biex jirrilokaw f'Malta għal impjieg fl-industrija tal-ospitalità u t-turiżmu |
| 2 | Ottubru 2024 | L-impjegati kollha li qed ifittxu tiġdid ta' permess tax-xogħol |
| 3 | Jannar 2025 | Impjegati li jkun fadal, inklużi ċittadini Maltin u tal-UE biex tinħarġilhom Skill Card |

Ċittadini minn Pajjiżi Terzi ġejjin minn pajjiżi mhux elenkati fl-Anness II tar-Regolament 2018/1806 u Ċittadini minn Pajjiżi Terzi Eżentati mill-VISA:

- Minn Jannar 2024 kemm iċ-Ċittadini minn Pajjiżi Terzi ġejjin minn pajjiżi mhux elenkati fl-Anness II tar-Regolament 2018/1806 u kif ukoll Ċittadini minn Pajjiżi Terzi Eżentati mill-VISA iridu jgħaddu mit-taħriġ u l-assessjar mandatorju kemm tal-ewwel stadju u kif ukoll tat-tieni stadju.

- Ċittadini minn Pajjiżi Terzi ġejjin minn pajjiżi mhux elenkati fl-Anness II tar-Regolament 2018/1806 jridu jgħaddu mit-taħriġ u l-assessjar minn pajjiżhom. Ċittadini minn Pajjiżi Terzi Eżentati mill-VISA jistgħu jagħmluhom kemm minn pajjiżhom jew f'Malta.

- Ċittadini minn Pajjiżi Terzi ġejjin minn pajjiżi mhux elenkati fl-Anness II tar-Regolament 2018/1806 jeħtieġu dokument miktub li juri li għandhom wegħda ta' xogħol minn stabbiliment fl-ospitalità liċenzjat mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu.

# 6

# Perjodu ta' Konsultazzjoni

**Huwa wkoll pertinenti li wieħed jinnota li l-korsijiet ta' taħriġ, l-assessjar u l-proċeduri proposti, f'konformità mal-*Malta Tourism Strategy 2021-2030: Recover, Rethink, Revitalise* – Strategy No. 19 (MfT, 2021), jindirizzaw tħassib relatat kemm mal-kwalità tal-impjegati kif ukoll mal-għoti tas-servizz.**





Il-konsultazzjoni pubblika, inkluż mal-imsieħba fl-industrija, dwar il-proċedura ġdida li ser tħares l-aċċess għal impjegati ta' kwalità fl-industrija tal-ospitalità u t-turiżmu f'Malta ser issir bejn is-26 ta' Ottubru 2023 u s-16 ta' Novembru 2023 li wieħed jista' jaċċessa minn its.edu.mt/consultation

Mistoqsijiet frekwenti jistgħu jinstabu wkoll fuq din il-paġna.

Ir-reazzjonijiet jistgħu jintbagħtu wkoll fuq
consultation.tourism@gov.mt

ITS INSTITUTE OF TOURISM STUDIES
IN ACADEMIC AFFILIATION WITH THE EMIRATES ACADEMY OF HOSPITALITY MANAGEMENT


**ITS MALTA CAMPUS**

Institute of Tourism Studies, Aviation Park, Aviation Avenue,
Ħal Luqa, LQA 9023, Malta

**ITS GOZO CAMPUS**

Institute of Tourism Studies, Bishop M. Buttigieg Street,
Qala, QLA 1042, Gozo, Malta

www.its.edu.mt